NEWSPAPER POST




# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

MEJJU – ĠUNJU 2010

Nru 174

## SAN ĠORĠ IQARRIBNA LEJN KRISTU




Junior College
Pjazza Ġużè Debono
L-Imsida MSD 1252
Malta

Innutaw f'dan ir-ritratt mill-Quddiesa tal-Papa Benedittu XVI fuq il-Fosos tal-Furjana, nhar il-Ħadd 18 ta' April 2010, fil-għodu, ix-xbieha ta' San Ġorġ imnaqqxa fuq riġel il-gandlier, qrib l-Ewkaristija ċċelebrata mill-Papa. Tfakkarna kemm tassew Ġorġi tagħna jqarribna lejn Kristu Rebbieħ, is-Sultan tagħna... *Iżjed tagħrif f'paġni 4 u 5.*












# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377, fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Kemm...

Insellmulek f'dawn il-jiem li fihom sa tiġi żżurna. Insellmulek, o Ġorġi, b'tislima naturali, għax int wieħed minna. Insellmulek minn din il-parroċċa li taf il-kult tiegħek sa minn żminijiet l-aktar imbiegħda. U mhux il-lum u minn għandna biss tasallek din it-tislima, imma minn min jaf kemm nies qabilna li tant ferħu u tgħaxxqu bik, għax għandek raw il-ħarsa smewwija li sserraħ il-qalb muġugħa u tqawwi dik maqtugħa. Ġorġi, int minn dejjem kont ta' l-Għawdxin, għax niesna dejjem lejk daru.

Isellmulek mhux biss il-Ġorġjani, imma wkoll l-Għawdxin, il-Maltin u t-turisti li sa jkunu jżuru l-belt Victoria f'dawn il-jiem ta' festa. M'hix xi ħaġa ġdida li f'dawn il-ġranet tas-sena din il-belt timtela bin-nies. Funzjonijiet liturġiċi, mużika sagra, baned mill-aqwa, briju, armar u nar jingħaqdu f'qawsalla waħda biex flimkien joffru esperjenza unika. X'għaxqa tilmaħ l-attivitajiet kollha qaqoċċa mal-Bażilika ta' San Ġorġ u mas-sede tas-Soċjetà *La Stella*!

Kemm tkun sabiħa l-istatwa, minquxa fl-injam minn Pietru Pawl Azzopardi, għaddejja mit-toroq tar-Rabat! Kemm jifirħu bik l-anzjani miġburin fejn il-bieb tad-darjistennewk tgħaddi minn quddiemhom! Kemm ikunu qed jistennewk b'ħerqa t-tfal mill-gallariji biex isellmulek! Kemm ikunu ilhom jixtiquk tgħaddi minn quddiem darhom il-membri tas-Soċjetà *La Stella*! Kemm ikunu stennewh il-bandisti l-waqt li jdoqqulek l-innu ta' Vincenzo Ciappara! Kemm paċenzja u dedikazzjoni jkunu ħadu l-membri ta' l-Għaqda ta' l-Armar biex it-toroq tagħna jilqgħuk bl-isbaħ libsa! Kemm ikunu ħadmu bi sfiq il-membri ta' l-Għaqda tan-Nar biex iħejjulek l-aħjar salut! Kemm membri fi ħdan l-uffiċċju parrokkjali jkunu qattgħu sigħat twal biex iħejju u jippreparaw sew kull aspett tal-festi fuq ġewwa! Kemm ikunu kkordaw leħinhom il-membri tal-Kor *Laudate Pueri* biex isaħħru l-bażilika bl-isbaħ mużika! Kemm paċenzja jkunu ħadu membri fi ħdan il-kumitat u s-sottokumitati tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* biex jippreparaw għall-festa! U fuq kollox, kemm ikunu ilhom il-Ġorġjani jistennew il-festa biex ikantawlek: "Ġorġi tagħna, min qatt bħalek! Stilla tiddi kollha dija"!

Iva, San Ġorġ, ilna sena nistennewk biex nagħtuk merħba mill-ġdid, għax int tagħna u aħna tiegħek! Mela ejja, San Ġorġ, ejja... u nitolbuk biex issaħħaħ il-fidi tagħna kontra l-ħażen.

Viva San Ġorġ!

## KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

22/05/2010 **George**, bin Eddie George Attard u Marisa Scerri
29/05/2010 **Francesca**, bint George Cutajar u Rose Marie Muscat
02/06/2010 **Mattheas**, bin Daniel Pace u Maria Cremona
11/06/2010 **Cyrus**, bin Charlton Cassar u Sophie Mcloed
12/06/2010 **Dean**, bin Sonya Cauchi u Felix Camilleri
26/06/2010 **Jurgen**, bin Jonathan Bugeja u Miriam Attard.

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

01/05/2010 **Marita Grima u Randall Raymond Cilia**
08/05/2010 **Sabrina Scicluna u Kirk-Joseph Galea**
21/05/2010 **Alexia Attard u George Anthony Ballucci**
22/05/2010 **Joseph Azzopardi u Diana Anskina**
29/05/2010 **Mark Mercieca u Josianne Saliba**
04/06/2010 **Maria Bella Spiteri u Sam Cefai**
05/06/2010 **Jennifer Vella u Anthony Bugeja**
06/06/2010 **Christian Agius u Georgiana Xuereb**
07/06/2010 **Saviour Cremona u Gulietta Grech**
26/06/2010 **Miriam Theuma u David Grech**
28/06/2010 **Melissa Sacco u Kevin Zammit**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

14/06/2010 **Carmelo Mizzi**

Il-Belt Victoria hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Neville Galea, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# Is-Sena Saċerdotali 2009-2010: il-Fedeltà ta' Kristu, il-fedeltà tas-saċerdot

Is-Sena Saċerdotali tagħlaq f'Ġunju 2010, u għall-parroċċa tagħna tasal fi tmiemha b'okkażjoni ta' ferħ kbir: bl-ordinazzjoni djakonali tas-seminarista Simon M. Cachia, li saret fil-Katidral ta' Għawdex, nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju 2010, fis-6.30pm. Miegħu u ma' erbgħa oħra ġie ordnat djaknu wkoll is-seminarista Samuel Grech, mill-parroċċa ta' Għajnsielem, li f'dawn is-sentejn qed jagħmel ħidma pastorali fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Stedinnieh jikteb fuq dan is-suġġett...



Is-santwarju ta' Ars fi Franza.

Ta' kull sena, fl-4 ta' Awwissu, il-Knisja tiċċelebra t-tifkira ta' San Ġwann Marija Vianney, saċerdot li kien kappillan ta' raħal żgħir fi Franza bl-isem ta' Ars. Fl-4 ta' Awwissu li għadda fakkarna l-150 sena mill-mewt ta' dan il-qaddis, u propju għalhekk din is-sena – minn Ġunju 2009 sa Ġunju 2010 – il-Knisja ddedikatha għas-saċerdoti.

Biex infakkru din is-sena speċjali aħna s-seminaristi, flimkien ma' diversi saċerdoti u reliġjużi, morna għal pellegrinaġġ f'Ars fi Frar li għadda. Fost il-qassisin li ġew magħna kien hemm ukoll Mons. Carmelo Scicluna u l-Kan. Ġużepp Sacco, saċerdoti mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Matul dan il-pellegrinaġġ kellna x-xorti li nżuru l-bażilika ta' Ars u nitolbu fiha. F'dan il-post għażiż huma meqjuma l-fdalijiet tal-Kurat ta' Ars.

Billi fl-20 ta' Ġunju kont sa niġi ordnat djaknu, f'dan id-dawl ħassejtha providenzjali li din is-sena kelli x-xorti mmur Ars u nitlob fil-bażilika ta' San Ġwann Marija Vianney. Inħoss li l-ispirtu tal-Kurat ta' Ars iservi bħala eżempju għalija biex ngħix il-ħajja saċerdotali kif imiss. Ma ninsa qatt dak il-mument ta' talb personali li għaddejt fil-bażilika, propju qabel ma tlaqna lejn Malta. Dak in-nhar tlabt lill-Mulej, bl-interċessjoni tal-Kurat ta' Ars, biex, jekk iridni saċerdot, inkun saċerdot skond il-Qalb tiegħu.

San Ġwann Marija Vianney kien saċerdot umli u dedikat. Qabel ġie mibgħut lejn Ars l-Isqof qallu dawn il-kelmiet: "Ftit hemm imħabba lejn Alla f'dik il-parroċċa; int trid tkun li tqegħidha hemm". Dan il-kmand Ġwanni wettqu fil-milja kollha tiegħu. Ilkoll nafu bir-rivoluzzjoni spiritwali li ġab f'Ars u kemm kien ikollu nies għall-Qrar. Hu għallem lill-parruċċani fdati lilu bix-xhieda ta' ħajtu stess. Biex insemmu eżempju wieħed, fuq l-eżempju tiegħu stess ħafna tgħallmu jieqfu quddiem it-tabernaklu u jitolbu fis-skiet.

Fuq is-saċerdozju hu kien jgħid li "is-saċerdozju huwa l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù". Verament is-saċerdozju huwa don kbir li ma nistgħux nifhmuh għal kollox. Fil-fatt hu kien jgħid: "Li kellna nagħrfu għal kollox x'inhu s-saċerdot fid-dinja, konna mmutu, mhux bil-biża' imma bl-imħabba". Il-Kurat ta' Ars jgħidilna wkoll li mingħajr is-sagrament ta' l-Ordni Sagri ma kienx ikollna lill-Mulej. Hu jistaqsi diversi mistoqsijiet: "Min qiegħed lill-Mulej fit-tabernaklu? Min laqa' lil ruħkom fil-bidu ta' ħajjitkom? Min jitma' lil ruħkom u jagħtiha s-saħħa fil-vjaġġ tagħha?". Għal dawn il-mistoqsijiet u oħrajn simili l-Kurat ta' Ars dejjem jagħtina risposta waħda: is-saċerdot.

Is-saċerdot huwa dak il-bniedem li jiġi kkonsagrat biex jaġixxi *in persona Christi*. Kristu għadu sal-lum iwettaq il-ħidma tiegħu fil-Knisja permezz tas-saċerdoti. Is-saċerdot huwa r-rappreżentazzjoni sagramentali ta' Ġesù Kristu, li huwa r-ras u r-ragħaj tal-Ġisem Mistiku li huwa l-Knisja. F'dan is-sens is-saċerdot huwa dak li b'awtorità jxandar il-Kelma ta' Alla u jamministra s-sagramenti. Fuq kollox is-saċerdot huwa l-bniedem li jagħti lilu nnifsu għall-merħla fdata f'idejh. Is-saċerdot huwa l-bniedem ikkonsagrat lil Alla. B'konsagrazzjoni lil Alla qed nifhmu li l-persuna jew l-oġġett ma tibqax tagħna u lanqas tagħha nfisha, imma tkun inserita f'Alla. Is-saċerdot m'hux tiegħu innifsu imma ta' Alla.

Is-saċerdot huwa l-bniedem ta' Alla. Is-saċerdot huwa bniedem bħal kulħadd u għalhekk jista' jiżbalja bħal kull bniedem. Dan ifisser li għandna nkomplu nitolbu għas-saċerdoti ħalli jkunu qaddisin. Huma ġew mogħtija missjoni kbira li titlob stat ta' qdusija biex tiġi megħjuxa kif imiss. Għalhekk nitolbu għalihom biex ikollhom l-istess fedeltà li kellu Kristu: il-Fedeltà ta' Kristu, il-fedeltà tas-saċerdot. Fl-istess waqt inkomplu nimpenjaw irwieħna biex naħdmu għal aktar vokazzjonijiet saċerdotali. Għalhekk nitolbu għal kull min hu responsabbli minn dan, speċjalment il-ġenituri li huma l-ewwel edukaturi ta' wliedhom. Ommna Marija hija dejjem lesta biex tgħinna nwettqu l-pjanijiet li Binha Ġesù għandu għalina.



Żaru Ars mal-grupp Mons. Carmelo Scicluna u l-Kan. Ġużeppi Sacco.

# Benedittu XVI f'Malta – It-Tieni Parti

## Francesco Pio Attard ikompli jikteb fuq l-esperjenza "Ġorġjana" tul iż-żjara tal-Papa f'Malta



Iż-żjara storika tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI lill-gżejjer tagħna f'April li għadda għadha stampata b'mod ħaj fil-qlub tal-Maltin u l-Għawdxin. Pietru, fl-imħabba ta' missier u l-għerf ta' għalliem, ġie jwettaq lil ulied Pawlu fil-fidi fi Kristu.

Fl-aħħar ħarġa ta' *Il-Belt Victoria* qsamna magħkom bl-ikbar dettall l-esperjenza tas-sehem "Ġorġjan" f'dan il-kapitlu sabiħ ta' l-istorja ta' ġensna... li żgur ma kienx wieħed marġinali jew insinifikanti. Irċivejna ħafna kummenti sbieħ u inkoraġġanti minn qarrejja li japprezzaw l-isforz kbir li qed tagħmel din il-pubblikazzjoni biex twassal ġurnaliżmu parrokkjali li jibqa' wkoll għall-istorja tifkira mnaqqxa fil-kitba.

Kif jiġri dejjem meta tipprova tagħti rendikont ta' kull ma jkun seħħ f'xi ġrajja, xi ħaġa taħrablek żgur. Għalhekk f'din il-ħarġa nixtiequ nissoktaw fejn ħallejna fl-aħħar waħda, b'iktar dettalji fuq sehem il-familja Ġorġjana fiż-żjara tal-Papa.

Tlabna qabelxejn lill-Kan. On. Dr Joe Zammit, saċerdot mill-parroċċa ta' San Ġorġ li ilu għal dawn l-aħħar ħames snin arċipriet tal-komunità parrokkjali tal-Qala, jaqsam mal-qarrejja xi ftit impressjonijiet personali taż-żjara. Dun Joe kien l-animatur waqt il-liturġija tal-Quddiesa tal-Papa fuq il-Fosos. Hu magħruf biżżejjed għall-vuċi tenorili tiegħu u għall-imħabba lejn il-mużika sagra li diġà kienet trawmet fih fis-snin tiegħu bħala seminarista u membru tal-Kor *Laudate Pueri* tal-bażilika ta' San Ġorġ. Hu qalilna hekk:



"Kienet verament sorpriża għalija meta ġejt mitlub biex nanima l-Quddiesa tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI fuq il-Fosos tal-Furjana. Ir-raġuni ta' l-għażla – kif qaluli – kienet li riedu lil xi ħadd li jmexxi b'faċilità u jgħaqqad kongregazzjoni mal-*band* u l-kor, biċċa xogħol li titlob aġilità mużikali notevoli meta tqis il-kobor tal-ġemgħa u d-distanza tal-kor mill-altar minn fejn kelli nidderieġi. Il-provi ma kinux ħafna, anzi! It-temp imbagħad lanqas għen biex ikun hemm l-aħħar verifika li setgħet tawgura eżekuzzjoni daqstant perfetta kif fil-fatt irriżultat. Il-fatt li l-animazzjoni marret tajjeb kien għalija ta' sodisfazzjon kbir: il-Quddiesa li kont qed nanima kienet il-Quddiesa tal-Papa f'Malta! Imma l-aktar ħaġa li kienet ta' pjaċir għalija kienet il-fatt li – kif seta' jgħid kull min kien fiżikament preżenti u ġie wkoll irrimarkat mit-televiżjoni diretta – waqt il-Quddiesa nħolqot ġabra kbira li għenet mhux ftit biex il-kotra setgħet verament titlob, bħal fiċ-Ċenaklu fil-preżenza ta' Marija. Dak hu x-xogħol prinċipali ta' l-animatur: li, waqt li ma jidhirx, jagħti *input* lil-liturġija kollha, bħar-ruħ fil-ġisem, għalhekk 'anima-azzjoni'. Bħala rigal għal dan il-kontribut tiegħi – hekk interpretajtha – waslet ittra li l-Qdusija Tiegħu l-Papa kitibli ftit tal-jiem wara biex jirrispondi għall-ittri li t-tfal tal-parroċċa tal-Qala, fejn attwalment jiena l-arċipriet, kienu bagħtulu biex jgħidulu kif ħejjew ruħhom għaż-żjara tiegħu tant mistennija minnhom fostna. Il-barka tiegħu fuqi u fuq il-komunità parrokkjali tiegħi hi grazzja għalija, bħal siġill li jgħaqqad għal dejjem din is-Sena Saċerdotali speċjali li hu nieda u li qed tasal fi tmiemha".



Dun Joe ma kienx l-uniku Ġorġjan qrib l-altar tal-Papa f'dik l-okkażjoni. George Camilleri, bandist tas-Soċjetà *La Stella*, daqq l-ewfonju fl-orkestra, waqt li ħafna mill-parroċċa tagħna, bosta minnhom membri tal-*Chorus Urbanus*, taw sehemhom fl-eżekuzzjoni tal-parti korali tal-Quddiesa, jiġifieri fil-*Missa in Fractione Panis*, kompożizzjoni ta' Dr John Galea, li kienet ġiet magħżula, minn fost is-sitt sottomissjonijiet li saru wara sejħa pubblika, minn kummissjoni fil-Vatikan ippreseduta minn Mons. Guido Marini. Fost is-solisti kien hemm is-sopran Yvonne Galea, mart il-kompożitur u direttur, li kantat il-*Benedictus*.

Tagħrif ieħor ta' interess li ksibna hu fuq il-gandlieri tal-festa tal-bażilika ta' San Ġorġ – issa iktar popolari minn qatt qabel! – li ntgħażlu biex jintramaw fuq l-altar tal-Papa fuq il-Fosos, nhar il-Ħadd 18 ta' April 2010. Is-sett inħadem fil-fidda fl-1962. L-artist Ġorġjan Ġużeppi Sagona, li flimkien ma' Toni Saliba kien ħadem fuq id-disinn ta' dawn il-gandlieri, ispirat mis-sett ta' żewġ akkolti tal-festa b'disinn ta' Abram Gatt, tana dan it-tagħrif:

"Wara li sar l-altar fl-1960, dan ried ikollu sett gandlieri għalih b'mod partikulari għall-festa ta' San Ġorġ u għal festi solenni oħra. Jiena, li f'dak iż-żmien kelli biss tmintax-il sena, u Toni Saliba (Ta' Komu), konna ġejna mqabbda biex nagħmlu disinn għal dawn il-gandlieri. Sakemm saru l-gandlieri l-ġodda kienu jintramaw sett gandlieri minn ta' l-altari tal-ġenb ta' nhar il-festa.



Wara diversi diskussjonijiet li kellna, deherilna li kellna nadattaw id-disinn u l-motivi ornamentali użati fl-akkolti tal-fidda li kienu saru fil-bidu tas-seklu fuq disinn ta' Abram Gatt ta' Bormla u nħadmu Milan mid-ditta *Ghezzi*. Biex ikollna idea ċara ta' kif ser jiġu l-gandlieri l-ġodda, għamilna mudell fi skala naturali. Il-parti vertikali tal-gandlier kienet ġiet intronjata fl-injam, waqt li s-sieq inħadmet minni, l-ewwel tat-tafal imbagħad fil-ġibs. Parti minn dan il-mudell, li huwa datat 1961, fil-fatt għadu sal-lum fil-kollezzjoni tiegħi. Dan il-mudell kien ġie espost fuq l-altar għal xi jumejn.

Hekk kif rajna li l-proporzjon kien tajjeb, il-Prokuratur beda jaħseb għall-kummissjoni. Din ġiet fdata lil Paolo Pace, li kien għadu kemm ħa ħsieb il-kummissjoni tat-tribuna u l-altar li saru għand ħatnu Carlo Pisi f'Ruma. Il-gandlieri wkoll saru Ruma, minn fuq id-disinni li bgħatna minn hawn. Paolo Pace kien bagħat xi ritratti tal-mudell li sar Ruma biex naraw ix-xogħol u, wara li għamilna xi korrezzjonijiet fuq xi dettalji li ma kinux ġew maħduma, il-kummissjoni tlestiet".

**Ħajr għar-ritratti:** DOI Malta; Joseph Sagona (Kollezzjoni Privata); Rev. Alex Scerri OCARM.

## *Nifirħu...*

- L-istudenti universitarji kollha mill-parroċċa tagħna li ggradwaw fl-aħħar xhur.
- Dun Renato Sammut, li fit-22 ta' Ġunju 2010 għalaq ħamsa u għoxrin sena mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu.
- Mons. Jimmy Xerri, li nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju 2010 ħa l-pussess bħala s-seba' arċipriet tal-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur.

## *Insellmu...*

- Patri William Axiaq OFMCAP, għal bosta snin predikatur ta' korsijiet ta' l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan fil-parroċċa ta' San Ġorġ, li miet fit-8 ta' Mejju 2010.
- Carmel Mizzi, li bis-sengħa tiegħu kien benefattur kbir tal-bini tad-dar parrokkjali u l-manutenzjoni ta' l-istess Bażilika ta' San Ġorġ, li miet fl-14 ta' Ġunju 2010.
- Il-Kardinal Paul Augustin Mayer OSB, li f'Novembru 1996 kien il-mistieden speċjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ għall-inawgurazzjoni ta' l-istatwa ta' San Ġorġ wara r-restawr intensiv li sar fuqha, li miet f'Ruma fit-30 ta' April 2010. Mayer ħaddan bosta karigi importanti fi ħdan is-Santa Sede, fost l-oħrajn bħala prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti bejn l-1985 u l-1988.





# Mons. Carmelo Sacco (1913-2000)

## Għaxar snin minn mewt l-ewwel Kantur tal-bażilika Ġorġjana

jikteb neputih, il-Kan. Ġużeppi Sacco

Mons. Carmelo Sacco twieled minn Mikelanġ u Tereża mwielda Vella, fil-21 ta' Marzu 1913, u tgħammed l-għada mill-Arċipriet Mons. Feliċ Refalo. L-ismijiet li tawh fil-Magħmudija kienu Karmenu, Ġużeppi u Tarċisju. Kien l-iżgħar minn sitt ulied, li tnejn minnhom mietu żgħar. Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Mons. Mikiel Gonzi, fis-7 ta' Ġunju 1941, fil-kappella tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Iż-żewġ saċerdoti l-oħra sħabu minn Għawdex kienu Dun Mikiel Portelli, iktar tard arċipriet, u l-Kan. Salv Curmi, it-tnejn min-Nadur. L-ewwel Quddiesa solenni ċċelebraha l-għada ta' l-ordinazzjoni, fit-8 ta' Ġunju 1941, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.



Ritratt ma' seminaristi sħabu.
Mix-xellug, bil-wieqfa: Ġużeppi Farrugia (Ta' Menzja), hu, Anton Grech Sciclunа, u Anton Grech Vella; bil-qiegħda: Dun Franġisk Borg.

L-elemożina tal-Quddies dak iż-żmien kienet tmintax-l irbiegħi, jiġifieri żewġ xelini u sitt soldi (2s6d), jew madwar 30 ewroċenteżmu; għal madwar tletin sena l-elemożina kienet ħames xelini (60 ewroċenteżmu). Dun Karm serva għal xi żmien bħala kappillan tal-kor fil-knisja katidrali u wara ġie maħtur mill-Isqof Gonzi bħala viċiparroku fil-parroċċa ta' San Ġorġ, l-ewwel fi żmien l-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili u wara fi żmien l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai. Viċiparroċi miegħu kien hemm Dun Ġużepp Grech, li wara sar arċipriet tax-Xewkija, u iktar tard Dun Salv Saliba, li kien mill-Munxar imma kien joqgħod ir-Rabat.

Fi żmien Dun Karm Sacco l-viċiparrokat kien aktar impenjattiv. Il-viċiparroku kien joħroġ bil-vjatku solenni anki bil-lejl; kien jassisti lill-moribondi fit-tul u anki ġieli kien jgħaddi lejl sħiħ. Kien jiċċelebra l-Quddiesa kantata tal-Ħadd fit-8.15am, wara l-kant tat-Terza, u kien jagħmel l-omelija, li dak in-nhar kienet tissejjaħ "it-tifsir tal-Vanġelu", li għal żmien twil kien isir biss mill-Arċipriet fil-Quddiesa tal-5.30am. Il-Ħadd fil-għaxija kien imexxi l-Għasar kantat, u wara l-priedka tal-Katekiżmu mill-Arċipriet kien jagħti l-barka sagramentali. Is-Sibt fil-għaxija kien imexxi l-Kompieta kantata, li warajha kienet titkanta l-Litanija tal-Verġni Mbierka bil-Latin. Fil-ġranet kollha tal-ġimgħa, fil-għaxija, għall-ħabta ta' l-Ave Marija, wara r-Rużarju – li kien għal żmien twil jingħad minn sekular –, il-viċi kien jagħti l-barka sagramentali bil-kappa u biċ-ċensier. Kien ukoll prokuratur tal-festa ta' San Mikiel fl-istess knisja parrokkjali.

Dun Karm għamel żmien jgħallem il-katekiżmu fl-*Oratorju Don Bosco*, fi żmien Dun Pawl Micallef. Meta spiċċa minn viċiparroku beda jservi ta' kappillan fl-isptar, l-ewwel fl-Isptar *Santa Tereża* (Ta' l-Ibraġġ), imbagħad fl-Isptar Mentali (*Chambrai*), u wara fil-*Victoria Hospital*, ħdejn San Franġisk. Fl-1976 ġie maħtur kantur tal-kolleġġjata l-ġdida ta' San Ġorġ. Għamel żmien iqaddes tad-9.00am. L-aħħar li qaddes fil-bażilika kien fl-4 ta' Mejju 1995, għax wara dan beda jqaddes id-dar.

Fost id-delizzji li kellu, Mons. Sacco kien iħobb ipitter kif ukoll kien dilettant kbir tar-ritratti. Barra minn hekk kellu għal qalbu d-drama, u għalhekk kien jgħin f'rappreżentazzjonijiet drammatiċi li kienu jittellgħu fl-Oratorju.

Fis-16 ta' Ġunju 1999 daħal id-Dar tal-Kleru (Malta), fejn dam sa meta miet, fis-7 ta' April 2000. L-aħħar Quddiesa tiegħu kienet fl-4 ta' Marzu 2000. Il-funeral solenni tiegħu sar il-Ħadd 9 ta' April 2000, fil-5.00pm, fil-bażilika ta' San Ġorġ, u l-konċelebrazzjoni tmexxiet min-neputi tiegħu l-Kan. Ġużeppi Sacco.



Mons. Sacco jirċievi l-abiti korali bħala membru tal-kolleġġjata ġdida Ġorġjana.

# Djakni ġodda għall-parroċċa tagħna

**Nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju 2010, fil-Katidral tal-Assunta, il-belt Victoria, Għawdex, l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, ta l-ordinazzjoni djakonali lis-seminarista Simon M. Cachia, mill-parroċċa ta' San Ġorġ, flimkien ma' ħames seminaristi oħra Għawdxin, fosthom Samuel Grech, mill-parroċċa ta' Għajnsielem, li bħalissa qed jagħmel ħidma pastorali fil-parroċċa ta' San Ġorġ, u Franklin Vella, mill-parroċċa tax-Xewkija, li għamel ħidma simili s-sena l-oħra. Fil-Pontifikal solenni, li beda fis-6.30pm, kanta l-kor tal-Bażilika ta' San Ġorġ, *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo. Lil Simon, Samuel u Franklin, nifirħulhom u nitolbu għalihom huma u jwettqu l-ministeru djakonali fi ħdan il-Knisja.**



**Simon Mario Cachia** twieled il-belt Victoria, nhar is-7 ta' Novembru 1985. L-ewwel formazzjoni reliġjuża fis-snin tat-tfulija u l-adolexxenza rċeviha fiċ-Ċentru Pastorali *Ragħaj it-Tajjeb* f'Taċ-Ċawla, u iktar tard fil-*Museum* tas-Subien tar-Rabat. Ħa l-edukazzjoni akkademika tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Gvern tar-Rabat u fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex. Kompla l-istudji fl-Iskola Postsekondarja *Sir Mikelanġ Refalo*, u f'Settembru 2003 beda l-mixja tiegħu fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Is-sena intermedjarja qattagħha Ruma fil-parroċċa ta' San Injazju ta' Antjokja. Matul is-seba' snin fis-seminarju Simon ħa l-formazzjoni pastorali tiegħu fil-parroċċi tal-Munxar, l-Għasri, iż-Żebbuġ u dawn l-aħħar sentejn fix-Xagħra. Simon kien jagħti s-sehem tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġorġ f'diversi oqsma, fosthom fir-radju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria* u fil-Kor *Laudate Pueri*.



**Samuel Grech** twieled Għajnsielem, nhar it-3 ta' Ottubru 1985. Bejn l-1991 u l-1996 irċieva l-edukazzjoni primarja fl-Iskola *Anton Cassar* ta' Għajnsielem. Wara għadda għall-Iskola Sekondarja *Ninu Cremona* fir-Rabat, bejn is-snin 1996 u l-2001. Ta' tnax-il sena hu kien diġà esperjenza l-mewt tal-ġenituri tiegħu u minn dak in-nhar kompla jitrabba maz-zija tiegħu. Bejn l-2001 u l-2003 irċieva l-edukazzjoni fl-Iskola Postsekondarja *Sir Mikelanġ Refalo*. Waqt li kien is-*6th Form* Samuel kien jattendi l-Preseminarju u kien attiv fis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, fejn sar soċju. F'Settembru 2004 beda, fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, il-formazzjoni li twassal għas-saċerdozju. Bejn l-2007 u l-2008 għamel l-esperjenza tas-sena intermedjarja fil-parroċċa ta' San Stanislaw Kostka f'Bay City, Michigan, fl-Istati Uniti. Għalkemm m'hux mill-parroċċa ta' San Ġorġ, Samuel għex u għadu qrib ħafna tal-komunità parrokkjali tagħna, fejn għandu bosta familjari u ħbieb.

## KONFIRMAZZJONI U PREĊETT 2010

### Il-Griżma ta' l-Isqof – Il-Ħadd 25 ta' April 2010

Attard Anthony, Attard Emma, Attard Luke, Buttigieg Isabel, Buttigieg Mary Jane, Camenzuli Roxane, Camilleri Anne, Camilleri George C., Camilleri Nicole, Cauchi Chantelle, Cauchi Christian, Cremona Claire, Curmi Albert, Cutajar Jahel, Dalli Isaac, Farrugia Francesca, Farrugia Marcus, Grima Kersten, Grima Stephania, Mompalao Isaac Joseph, Mercieca Andy, Mercieca Antonella, Mercieca Jason, Micallef George, Mifsud Jennifer, Pace Andrew, Parnis Valentina Rose, Pisani George Chris, Said Riane, Said Shantei, Saliba David, Sciberras Peter, Scicluna Giovanni, Sultana Yanica, Vella Luke, Vella Steve.



### L-Ewwel Tqarbina – Il-Ħadd 2 ta' Mejju 2010

Apap Yaneka, Attard Christian, Attard George, Attard Jake, Attard Jenny, Balzan Mariah, Camilleri Jean, Camilleri Julian, Cassar Deborah, Cauchi Chloe, Debono Nathan, Debono Shawna, Ellis John, Farrugia Lyndzie, Galea David, Galea Martina, Gatt Angela, Grech Matthew John, Mizzi Kathryn, Portelli Cassie, Portelli Jurgen Mario, Portelli Marstell, Rapa Amy, Rapa Martha, Refalo Matthias, Sciberras Christian, Sultana Justin.



**Ritratti:** Mario Saliba, George Scerri.

# Il-Kan. Ġużeppi Borg (Bugeja) (1921 - 2010)

jikteb ħuh, George Borg

Nhar l-Erbgħa 28 ta' April 2010 ħalla lil din id-dinja l-Kan. Ġużeppi Borg, fl-età ta' 88 sena. Dun Ġużepp kien saċerdot tal-bażilika ta' San Ġorġ u wieħed mill-ewwel kanonċi tal-kolleġġjata Ġorġjana. Bla dubju ta' xejn Dun Ġużepp ħalla vojt fil-parroċċa tiegħu, fejn għadda l-parti kbira ta' ħajtu jqaddes, iqarar u jieħu sehem attiv fil-liturġija tal-Knisja.

Ġie ordnat saċerdot, flimkien ma' Dun Karm Scicluna, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fid-19 ta' Mejju 1951; kienet l-ewwel ordinazzjoni presbiterali f'San Ġorġ. L-għada stess, 20 ta' Mejju, solennità tat-Trinità Qaddisa, iċċelebra l-ewwel Quddiesa solenni tiegħu fl-istess knisja parrokkjali. Il-korteo, akkumpanjat mill-i*Scouts* ta' l-Oratorju, telaq mid-dar taz-zijiet fi Triq il-Librerija u tela' minn Triq il-Providenza lejn il-knisja. Għamillu l-priedka Mons. Emanuel Mercieca, iktar tard l-ewwel arċipriet tal-kolleġġjata Ġorġjana, u bħala parrini kellu lil Mons. Alwiġ Galea u Mons. Alwiġ Cordina.

Il-ħajja saċerdotali tiegħu kienet imferrxa kemm f'Għawdex u kemm f'Malta. Insibuh bħala kappillan tal-kor fil-katidral ta' Għawdex. Għadda bosta snin, għoxrin b'kollox, bħala bakulista ta' l-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex, u kien jgħinu waqt il-funzjonijiet liturġiċi.

Dun Ġużepp serva bħala vigarju parrokkjali tal-parroċċa ta' San Ġorġ u bħala sagristan maġġur tagħha. Kien jieħu ħsieb il-knisja bl-ikbar delikatezza fil-bżonnijiet tagħha. Wara, Dun Ġużepp beda l-ħajja saċerdotali tiegħu mferrxa. Kien prokuratur tal-festa tal-Kunċizzjoni fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali tal-belt Victoria, fejn dam hemm sa meta din il-prokura tgħaddiet lill-patrijiet biex jieħdu ħsiebha huma. Iktar xogħol fl-għalqa tal-Mulej u nsibuh prokuratur tal-kappella ddedikata lill-Erwieħ, f'Ta' l-Għonq. Hawn kien joffri l-Quddiesa tiegħu darba fil-ġimgħa u matul ix-xahar ta' Novembru, ix-xahar ta' l-Erwieħ, kien iqaddes kuljum. Bl-inizjattiva tiegħu l-knisja ġiet irrestawrata kemm minn ġewwa u kemm minn barra. Opra sabiħa li wettaq kienet l-istatwa ta' Santa Marta, li kienet ġiet imbierka fil-bażilika ta' San Ġorġ, u niċċa fejn titpoġġa matul is-sena kollha.



Il-korteo qabel il-*Prima Messa* tiela' lejn San Ġorġ minn Triq il-Providenza.



Ritratt tal-Familija Borg meta Ġużeppi kien għadu żagħżugħ.
Mix-xellug għal-lemin, bil-wieqfa: Dolora (zitu), Frans (ħuh), Ġużeppi (missieru), u hu; bil-qiegħda: Ċensu (ħuh), Karmena (ommu), Ġorġ (ħuh), Reġina (zitu), u Ċettina (oħtu); bil-qiegħda fl-art: Mary (oħtu).

Il-Qrar kien sagrament li kien iħobb jamministra. Barra dak li kien jagħmel fil-parroċċa, insibuh għal żmien twil imur fil-parroċċa ta' San Lawrenz, f'Għawdex, kull xahar, lejlet l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Insibu wkoll li dan is-servizz tal-Qrar kien jagħtih f'bosta parroċċi oħra ta' Għawdex.

Dun Ġużepp kien dilettant tal-festi. Nistgħu ngħidu li għadda l-parti l-kbira ta' ħajtu jieħu sehem f'festi fl-irħula ta' Malta, fosthom Ħal Tarxien, fejn dam imur madwar ħamsa u tletin sena, Ħal Qormi fil-festa ta' San Ġorġ, u f'aktar festi oħra mxerrda ma' Malta kollha. Bosta Maltin għadhom isemmuh u jistaqsu għalih.

Dun Ġużepp kien jiftakar sew il-bidu ta' l-*Oratorju Don Bosco*, fil-belt Victoria. Meta kiber u daħal is-Seminarju biex ikompli għal saċerdot, l-Oratorju dejjem kien id-dar tiegħu. Meta sar saċerdot, Dun Ġużepp kien jgħallem lit-tfal id-duttrina u jħejjihom għall-Ewwel Tqarbina. Fl-



Fil-pussess tal-kanonċi l-ġodda ta' San Ġorġ, Lulju 1976.

Oratorju kien attiv fir-rappreżentazzjonijiet li kienu jsiru fuq il-palk. Hu kien dilettant ħafna u kien iħobb jagħmel bosta oġġetti, speċjalment għad-dramm tal-Passjoni.

Is-sehem tiegħu ta' erbgħa u tletin sena bħala membru fil-kapitlu Ġorġjan kien wieħed kbir u ta' min jiftaħar bih. Ftit li xejn naqas mis-servizzi. Dan ġara biss meta, forsi, kien imur Malta għal xi festa. Il-festa ta' San Ġorġ kienet għalih festa kbira li qatt u għal xejn ma kien jonqos fiha. Il-ħeġġa li kellu meta l-knisja kienet qed tiġi ddeokrata kienet kbira. Ta' min ifakkar kemm ħin kien jgħaddi mal-pittur Taljan, il-Prof. Gian Battista Conti, meta kien qed ipitter fil-bażilika.

Kien fuq kollox bniedem li jaf jagħmel kollox. Kien jara ħaġa li togħġbu u dritt kien jagħmilha. Kemm djademi għall-istatwi u bosta ħwejjeġ oħra għamel! Il-Bambin tah don kbir u l-ħila tiegħu użaha u xerridha lil dawk li xtaquha.

Ftit jiem qabel miet mar iżuru fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex in-Nuzju Appostoliku f'Malta, Mons. Tommaso Caputo, akkumpanjat mill-isqof ta' Għawdex. Is-saċerdoti Għawdxin kollha tawh il-ħajr tagħhom, flimkien ma' l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, li mexxa l-konċelebrazzjoni għal ruħu fil-bażilika ta' San Ġorġ, flimkien mal-*Chorus Urbanus* li anima ċ-ċelebrazzjoni bil-kant tiegħu. Jalla l-Mulej jinsa n-nuqqasijiet tiegħu u jgħaddih fil-glorja tal-Ġenna.



In-Nunzju Appostoliku u l-Isqof ta' Għawdex iżuruh fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.



# *Rejiet Ingliżi bl-isem ta' Ġorġ* (3)

Dun Geoffrey G. Attard

## Ir-Re Ġorġ III (1738-1820)

Ġorġ III twieled nhar l-4 ta' Ġunju 1738 f'Norfolk House, f'St James' Square, Londra, iben Frederick, Prinċep ta' Wales, u martu Augusta, li kienet bint id-Duka ta' Saxe-Coburg-Gotha. Hu wiret it-tron minn nannuh Ġorġ II, u kien inkurunat f'Westminster nhar it-22 ta' Settembru 1761. Iżżewweġ lil Charlotte, bint id-Duka ta' Meckleburg-Strelitz. Kellhom għaxar subien u sitt ibniet. Mis-subien tnejn saru renjanti ta' l-Ingilterra, bl-isem ta' Ġorġ IV u William IV. Hu dam jirrenja mill-1760 sa l-1820, jiġifieri għal madwar sittin sena, u għalhekk huwa t-tieni renjant Ingliż li dam l-aktar fuq it-tron (l-aktar li damet kienet in-neputija tiegħu, ir-Reġina Victoria). Fi żmien il-ħakma tiegħu l-kolonji Amerikani qamu f'rivoluzzjoni kontrih. Ir-Rivoluzzjoni Franċiża faqqgħet f'dan iż-żmien ukoll u ppromoviet id-duttrina ta' l-Ugwaljanza, il-Fraternità u l-Libertà, u nisslet ħafna diżgwid, waqt li qajjem rasu l-mostru tan-nazzjonaliżmu u l-anti-kolonjaliżmu. Fi żmienu wkoll il-parlament Ingliż u l-prim ministri tiegħu kisbu setgħat ġodda li komplew inaqqsu l-influwenza tal-monarkija. Seħħew ukoll il-gwerer ta' Napuljun. Ġab 'il quddiem il-qasam agrikolu fl-Ingilterra meta għen ħafna biex fil-propjetà tiegħu f'Windsor u f'Richmond wera kif l-għelejjel jistgħu jkunu mkattra fl-għadd, hekk li tawh il-laqam ta' *"Farmer George"*; wieħed ma jridx jinsa li anki l-isem "Ġorġ" ġej mill-Grieg, li jfisser "ħaddiem l-art". Kien taħt il-ħakma tiegħu li l-Ingilterra kellha l-aħjar ammiral u l-aħjar ġeneral ta' l-armata fil-persuni affidabbli ta' Lord Horatio Nelson u Arthur Wellesley, Duka ta' Wellington. Dawn iż-żewġ mexxejja – wieħed fuq il-baħar u l-ieħor fuq l-art – wasslu lill-Ingilterra biex tirbaħ lil Franza u ssir is-superpotenza ewlenija fl-Ewropa. Fl-1809 Ġorġ tilef id-dawl u fl-1765 beda jsofri mid-dimenzja. Għalhekk kellu jgħaddi r-*Regency Bill* u aktar tard ibnu Ġorġ sar Reġġent. Sofra wkoll minn żbilanċi mentali; riċentament inħadem il-film *The Madness of King George* fuq l-aħħar snin ta' ħajtu. Miet f'Windsor nhar id-29 ta' Jannar 1820. Laħaq warajh ibnu bl-isem ta' Ġorġ IV. Kien fi żmienu wkoll li l-*Enċiklopedija Brittanika* bdiet toħroġ fis-sena 1771, u li Malta saret uffiċjalment kolonja Ingliża fl-1802.

## Qaddisin "Ġorġjani" | 27

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA
U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU



*Antoine Vassallo*
vasanta@maltanet.net

# San Bernardinu ta' Siena

(tifkira liturġika fl-20 ta' Mejju)

Dan il-predikatur popolarissmu ġie kkanonizzat sitt snin biss wara mewtu, fl-20 ta' Mejju 1444. Kien twieled fit-8 ta' Settembru 1380 fil-familja nobbli Sjeniża ta' Albizecchi. Fil-fatt rabbewh iz-zijiet, u oħrajn minn niesu, għax safa orfni kmieni. Xorta ha edukazzjoni tajba u żviluppa karattru sod: iħobb il-libertà, b'responsabbiltà. Fl-Università ta' Siena ggradwa fil-Filosofija u l-Liġi; u kien jippreferi jaqra l-poeżiji, mhux il-Bibbja! Ftit wara li ssieħeb fi grupp ta' żgħażagħ li kienu jiltaqgħu taħt l-isptar, faqqgħet il-pesta, u kien minn ta' l-ewwel li laqa' s-sejħa għall-voluntiera. Anzi għamel xi xhur marid hu wkoll; wara dan, assista lil zitu għamja u truxa.

Ta' tnejn u għoxrin daħal Franġiskan, forsi influwenzat minn Terzjarji jiġu minnu, u kien fost l-iktar li ħadmu favur ir-riforma ta' l-Ordni. Waqt is-snin li serva ta' vigarju ġenerali żied il-kunventi u enfasizza t-tagħlim; ngħidu aħna, għamel kundizzjoni li l-patrijiet bla skola ma setgħux iqarru. Studja bir-reqqa xogħlijiet teoloġiċi, b'enfasi fuq dawk axxetiċi u mistiċi, u addatta dan it-tagħlim għal-lingwa u l-istil tan-nies "sempliċi". Wara marda fil-kordi vokali l-vuċi rritornatlu saħansitra iktar melodjuża u qawwija. Barra diversi karigi – ngħidu aħna, vigarju tat-Toscana – evanġelizza l-folol bla serħan, jiġri bil-mixi ma' l-Italja kollha: mhux biss bi kliemu, anki bl-eżempju. Bl-għajnuna ta' tip ta' *shorthand* waslulna bosta diskorsi tiegħu: kellu kliem aħrax ġmielu għal min ma jimxix mal-liġijiet ta' Alla jew jabbuża mill-fqir, u jisħaq li lanqas l-uffiċċjali pubbliċi ma kellhom jobdu liġijiet inġusti. Għalkemm kien jifhem sew id-dgħufija umana, assolutament ma setax jittollera 'l min kien isellef b'imgħax esaġerat: l-użura. Kien jitkellem ċar, bla kliem diffiċli jew twil, u bl-għajnuna ta' stejjer u battuti sempliċi kontra ċerti drawwiet u superstizzjonijiet. Allura ma nistagħġbux li kien jippreżenta qaddisin popolari bħala eżempji u jaħtaf l-opportunità li joffrulu l-festi tagħhom! Allura San Ġorġ m'hux minsi: bħalu, in-Nisrani għandu jitħażżem bl-armi spiritwali, fosthom il-biża' ta' Alla u l-intenzjoni retta, li jarahom fl-elmu.



Tant kien jiġbed lin-nies, ibda mill-awtoritajiet ċivili li kienu lesti jipproponu liġijiet ġodda skond il-Vanġelu, li l-knejjes instabu ċkejknin wisq, u kienu jintużaw il-pjazez stess, fuq palk armat skond id-direzzjoni tar-riħ biex jinstema' aħjar! Twettqu konverżjonijiet f'numru kbir, hekk li spiss is-saċerdoti kellhom diffikultà biex ilaħħqu mal-Qrar u t-tqarbin! Għen ukoll fil-formazzjoni ta' persunaġġi bħal San Ġwann minn Capestrano. Mexxa ferm id-devozzjoni lejn l-Isem Imqaddes ta' Ġesù: fi tmiem il-priedki kien iħeġġeġ lis-semmiegħa jbusu l-monogramma *"IHS"* minquxa fuq l-injam. Nistgħu ngħidu li dan is-simbolu kkulurit, b'xemx bir-raġġi, ivvintah Bernardinu u beda jitwaħħal ma' kullimkien, f'postijiet pubbliċi u fid-djar. Tħabat bis-sħiħ anki għall-paċi soċjali. Miet fil-belt ta' L'Aquila fejn mar għal kors konferenzi għalkemm b'mard kbir fuqu; jingħad li ġismu espost għall-qima baqa' jnixxi d-demm sakemm iċ-ċittadini waqqfu l-kwistjonijiet li kienu jifirduhom. U riduh midfun magħhom: lil Siena tawha biss iċ-ċoqqa fqajra! Fl-1980 il-Papa Ġwanni Pawlu II irrikmandah liż-żgħażagħ għall-"kuraġġ tax-xhieda".

Ismu, mill-Ġermaniż, jirreferi għall-kuraġġ ta' l-ors. Inħatar patrun ta' diversi bliet, u hemm waħda fl-Istati Uniti msejħa għalih. Fost dawk taħt il-protezzjoni tiegħu, barra min isofri minn diversi mardiet, hemm tar-riklamar (minħabba l-"propaganda" effettiva bl-*"IHS"*). Propjament m'aħniex ċerti kif ħoloq it-"trigramma": huma l-ewwel tliet ittri ta' isem Ġesù bil-Grieg u l-abbrevjazzjoni ta' *"Iesus Hominum Salvator"* (Ġesù Feddej tal-Bnedmin); jista' jkun li l-idea ħadha mill-motto ta' Kostantinu *In Hoc Signo (vinces)*. Fil-fatt żviluppa tifsiriet għal kull aspett: ix-xemx fin-nofs tfakkarna fi Kristu li jagħtina l-ħajja bħalha; it-tnax-il raġġ jirreferu għall-Appostli, waqt li t-tmienja l-oħra dritti huma l-Beatitudnijiet; il-ferħ bla tmiem ta' min isalva qiegħed fil-faxxa madwar ix-xemx; il-kuluri jalludu għall-fidi (iċ-ċelesti) u l-imħabba (id-deheb). Hemm skop ukoll għall-mod kif tintikeb l-ittra "H": donnha salib. Kien hemm ukoll "litanija" b'sinifikat mistiku għar-raġġi: kenn tal-penitenti, stendard tal-kumbattenti, fejqan tal-morda, konfort tas-sofferenti, unur ta' min jemmen, ferħ ta' min jgħallem, mertu ta' min jaħdem, għajnuna ta' min għandu bżonn, nifs ta' min jimmedita, suffraġju ta' min jitlob, togħma ta' min jikkontempla u glorja tat-trijonfanti. Madwar kollox hemm versett bil-Latin mill-ittra ta' San Pawl lill-Filippin: "Fl-isem ta' Ġesù, fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art, il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkubbtejhom".

Anki l-Ġiżwiti adottawh u Santa Jeanne d'Arc żiditu fuq l-istendard tagħha. Skond Bernardinu, isem Ġesù jfakkarna f'kull aspett ta' ħajtu: il-faqar tal-presepju, il-ħanut ċkejken ta' mastrudaxxa, il-penitenza fid-deżert, il-mirakli ta' l-imħabba divina, it-tbatija tal-Kalvarju u t-trijonf tal-Qawmien u l-Axxensjoni. Din l-enfasi kollha ma fehmiex kulħadd u saħansitra sofra akkużi, sa x'ħin il-Papa Ewġenju IV iddikjarah bħala "l-aqwa predikatur u għalliem li għandna jevanġelizza ma' l-Italja u lil hinn". Iżda xorta baqa' jirrifjuta li jsir isqof ta' djoċesi.

*Nissuġġerilkom taqraw l-istudju tal-Kan. George J. Frendo fil-volum enċiklopediku* SAN ĠORĠ *(p. 84).*

**Ritratt:** Skultura antika li kienet fuq l-altar ta' Ġesù u Marija fil-bażilika.

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal,

Ninsabu ftit jiem biss qabel il-festa. Naħseb jekk tixirfu sa barra t-triq mill-ewwel tittendu bit-tiżjin li taraw. U ngħidilkom li l-festa tagħna hija waħda mill-festi li l-aktar għandhom tiżjin. Ma tgħaddix minn triq li ma tarax xi tiżjin xi mkien. Il-belt tagħna matul din it-tielet ġimgħa ta' Lulju xxidd il-libsa tal-festa, u l-istess tagħmel il-bażilika tagħna ddedikata lill-kbir martri San Ġorġ. Anki ħafna mill-familji tagħna jżejnu l-gallerija u jtellgħu l-bnadar li jkomplu jżidu fl-atmosfera ferrieħa tal-festa. Naturalment aħna wkoll irridu nżejnu l-qalb tagħna għall-festa billi f'jum il-festa mmorru għall-Quddiesa u nitqarbnu. Dan hu l-isbaħ rigal li nistgħu nagħtu lil San Ġorġ. Importanti wkoll li nattendu għall-jiem tat-Tridu. Prosit ukoll lil dawk minnkom li ħadu ħsieb jattendu għall-Ħamisijiet ta' San Ġorġ bi preparazzjoni għall-festa. Matul il-jiem tal-festa ddevertu u xxalaw bla ma tweġġgħu qalb ħadd. Titilfux mument minnha!

Nittama li mortu sew fl-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena skolastika. Issa f'Settembru ssibu ruħkom fi klassi ġdida, jekk mhux ukoll fi skola ġdida! Għandkom quddiemkom Sajf sħiħ biex tiġru, tgħumu u tiddevertu. Imma sibu ħin ukoll għal Quddiesa u xi ftit tat-talb kuljum, u bla dubju għal xi ftit qari kuljum. Jekk xi wħud isiefru, jagħmlu sew, għax mis-safar hemm ħafna x'titgħallem. L-importanti li kull fejn tkunu ġġibu ruħkom sewwa.

Jien nixteqilkom li jkollkom vaganzi sbieħ u ta' mistrieħ. Id-dar middu jdejkom ukoll meta jkun hemm bżonn. Attenti li ma tkorrux u ma tmorrux fil-periklu, u araw dejjem xi ħbieb ikollkom. Nifraħ lil dawk kollha li rċevew l-Ewwel Tqarbina u lil dawk li għamlu l-Griżma ta' l-Isqof. Dawn huma żewġ sagramenti li għandkom tibżgħu għalihom. Nifraħ lil tnejn minnkom li dan l-aħħar rebħu l-premju tal-Qwiel Maltin: Owen Micallef u Graziella Gambin.

**Kompetizzjoni**

La ninsabu fi żmien il-festa, din id-darba tridu twieġbu għal xi mistoqsijiet marbuta magħha:

**1.** X'kien jisimhom il-ġenituri ta' San Ġorġ? **2.** X'kien jismu l-imperatur li kkundanna għall-mewt lil San Ġorġ? **3.** X'jismu l-pittur li pitter il-kwadru titulari ta' San Ġorġ fil-bażilika tagħna? **4.** X'jismu l-iskultur li għamel l-istatwa ta' San Ġorġ li għandna fin-niċċa fil-knisja bażilika tagħna? **5.** X'kunjomu l-istatwarju li għamel l-istatwa ta' San Ġorġ li l-Ġimgħa tard bil-lejl tittella' fuq il-pedistall fi Pjazza Indipendenza?

**Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom liz-Ziju Joe, 11/"Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex. Żmien għandkom sat-Tnejn 19 ta' Lulju 2010.** Fost dawk li jwieġbu tajjeb jitla' bix-xorti r-rebbieħ li jingħata rumanz bil-Malti ġentilment mogħti mill-*Klabb Kotba Maltin*.

*Iz-Ziju Joe*

---

# 50 Sena Altar

*"nidħol ħdejn l-altar ta' Alla, ħdejn Alla, ferħ u hena tiegħi"* (*Salm 43:4*)



## L-Altar fil-Bibbja

L-altar hu qabelxejn il-post tas-sagrifiċċju, u dan joħroġ mill-isem Lhudi *mizbeah*; għalhekk dan insibuh kull fejn qed issir l-offerta tas-sagrifiċċju, u jista' jkun ukoll mibni għal żmien qasir. Ġeneralment kien ikun fuq barra iktar milli ġewwa t-tempji ta' l-antik, fil-postijiet għoljin ta' Kagħnan, fejn ma kienx ikun hemm tempji mibnija. L-altari huma msemmija fl-istejjer tal-Patrijarki u anki fl-istorja ta' Noè (Ġen 8:20; 12:8; 13:18; 22:9, u oħrajn); dan jagħmel sens tassew, għax l-altar jidher fil-bidu ta' l-istorja umana. L-altari li nsibu fis-siti ta' Kagħnan huma tal-ġebel: jew mejda ta' ġebel mhux maħdum mibni fuq xulxin jew blokka waħda tal-ġebel. L-altar imfisser f'Eżodu 20:24ff hu bla dubju l-eqdem forma ta' altar Israelit u l-aktar wieħed primittiv; hu magħmul minn numru ta' ġebliet separati u mhux maħduma. Kienu jaħsbu li jekk il-ġebel jinħadem dan "jiġi mniġġes", għax ikun mess ma' dak li m'hux qaddis, il-kreatura, u għalhekk ikun inbidel mill-istat li bih wasal minn għand Alla. Għalhekk ma kienx tajjeb għall-użu sagru. Dan l-iskruplu bikri maż-żmien ma baqax. L-altar ma riedx ikollu turġien; instabu altari bit-turġien f'Zorah u f'Megiddo. L-altar li tiegħu għandna tifsira fil-kodiċi saċerdotali (Eżodu 27:1ff) hu magħmul mill-injam tal-gażżi miksi b'xibka tal-bronż u vojt fin-nofs, forsi biex jimtela bit-trab jew ħamrija; din hi bla dubju deskrizzjoni ta' l-altar fit-tempju ta' Salamun (1 Slat 8:64). L-altar imfisser f'Eżek 43:13ff hu mibni fi tliet partijiet, kull parti żewġt idriegħ iqsar mill-parti ta' taħtha; dan ifakkarna fiż-żiggurat tat-tempji tal-Mesopotamja, u dan id-dettall aktarx li għandu jiżdied mad-deskrizzjoni li jagħtina l-kodiċi saċerdotali. L-altar kellu l-qrun fit-truf tiegħu; dawn diġà jidhru f'altari li nstabu f'Megiddo.

L-altar kien jissimbolizza lid-divinità fir-rit sagrifikali, u l-vittma kienet tiġi offruta lid-divinità billi tintmess ma' l-altar. Fi żminijiet eqdem ma jidhirx li l-altar kien użat biex tinħaraq il-vittma jew partijiet minnha b'għotja lid-divinità. L-offerta kienet issir billi jixtered fuq l-altar id-demm tal-vittma, simbolu tal-ħajja. L-altar lanqas kien strettament mejda li tissimbolizza l-ikla qaddisa. Il-qrun ukoll kienu jissimbolizzaw lid-divinità, imma mhux b'xi simboliżmu evidentement differenti minn dak ta' l-altar sħiħ. Il-kodiċi saċerdotali jagħti tifsira wkoll ta' l-altar tad-deheb ta' l-inċens (aktarx parti mit-tempju ta' Salamun, Eż 30:1ff; 1 Slat 6:20). Kif hu mibni m'hux imfisser, imma nstabu altari ta' l-inċens f'Megiddo. Fis-sena 732 QK Aħaż ried li jinbena altar fuq il-mudell ta' wieħed li kien ra f'Damasku, imma m'għandna l-ebda dettalji ta' kif inbena; l-altar tal-bronż twarrab lejn in-naħa tat-tramuntana tat-tempju biex floku joqgħod dan l-altar, u t-tnejn kienu jintużaw (2 Slat 16:10ff). Il-mejda tal-"ħobż tal-preżenza" aktarx ma kinitx altar, għax ma kien hemm l-ebda sagrifiċċju marbut magħha. Ir-riferenzi kollha għal altar fit-Tesment il-Ġdid ilkoll jitkellmu jew fuq l-altar tat-tempju jew fuq l-altar ta' l-inċens jew fuq altari fil-kult pagan; fit-Testment il-Ġdid jibqa' ma jidher l-ebda altar tal-kult Kristjan. L-unika riferenza għal altar Kristjan insibuha f'Lhud 13:10, li aktarx tirriferi għall-Ewkaristija. L-altar ta' Apok 6:9 u 8:3 hu l-altar tat-tempju tas-Sema.



addattat minn John L. McKenzie, *Dictionary of the Bible*

Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd
LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA

*Antoine Vassallo*

# Sa fl-aħħar!



**Dan id-diskors ingħata minn Antoine Vassallo, *chairman* tal-*Fondazzjoni Belt Victoria* u *project leader* tal-proġett *Il-Ħaġar – The Making of a People*, waqt is-serata tal-preżentazzjoni uffiċjali fil-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju 2010.**

Wasalna għal din is-serata li fiha qegħdin nagħmlu l-preżentazzjoni "uffiċjali" tal-proġett tal-mużew: data li ilna mxennqin għaliha għax pass importanti biex titwettaq din il-ħolma ta' bosta, li għaliha diġà taw sehemhom ħafna, ta' spiss minn wara l-kwinti. Ma nħossx li għandi "nissogra" nagħti ismijiet; iżda l-mużew, anzi ċentru, sa jkunilhom l-aqwa monument ta' rikonoxxenza ġenwina! U l-istorja għad tinkiteb!

Għax ma kien xejn ħafif biex wasalna s'hawn! Nista' nibda mill-1998 meta twaqqfet il-*Fondazzjoni Belt Victoria* bi skop speċifiku: li naslu għal mużew ta' San Ġorġ. Din kienet tama "qadima", bżonn li jittieħed ħsieb ta' tant ġojjelli storiċi u artistiċi, u biex jistgħu jitgawdew minn firxa usa', possibbilment kontinwament. Sadanittant organizzat diversi attivitajiet kulturali, kif ukoll pubblikazzjonijiet, bħal edizzjoni ta' livell għoli tat-traduzzjoni minn Mons. Farrugia Gioioso ta' l-opra ta' De Soldanis *Gozo*.

Wara li akkwistat dar biex – ma' propjetajiet oħra tal-parroċċa – ikun hemm spazju biżżejjed, ġew ippreparati pjanti addattati biex jintalab il-permess tal-*MEPA*. Dan ovvjament ma wasalx mal-ħaġra t-tajn! Anzi rrikjedew diversi bidliet; iżda kien f'idejna kmieni fl-2008.

U twebbilna bil-fondi Ewropej! Bħala Fondazzjoni ġa konna ħadna sehem fi proġett żgħir ta' natura edukattiva; mela għax ma nippruvawx għal xi ħaġa ikbar?! Ħajritna sejħa mill-Fondi għall-Iżvilupp Reġjonali: għalkemm twerwirna bit-tul u l-kumplikazzjoni pjuttost "misterjuża" tal-formla, applikajna. Ma ntgħażilniex, minkejja appell min-naħa tagħna li wassal biex finalment niskorruhom nofs il-marki disponibbli. Ma qtajniex jiesna; komplejna nirristrutturaw il-Fondazzjoni għax apprezzajna li dan jirrikjeduh il-bosta proċeduri u regolamenti. U twikkejt bir-responsabbiltà ta' *chairman*, kif ukoll ta' *project leader*!

Malli ħarġet sejħa oħra fil-qasam tat-turiżmu mill-istess fondi strutturali, ħassejna li konna iktar ippreparati: imlejna l-formla b'attenzjoni (qed nitkellem fuq ħamsin paġna!) u rajna li ninkludu raġunar ċar fuq għaliex dan il-proġett tagħna jista' jkun ta' utilità kbira għat-tisħiħ tal-prodott turistiku ta' pajjiżna. Argumentajna li, b'mod partikulari fin-niċċa kulturali u reliġjuża, joffri possibbiltajiet sbieħ jekk napprezzaw bil-għaqal ir-riżorsi li għandna. Fil-fatt, bħala sommarju, inkludejna din id-deskrizzjoni: "Għandna l-mira li nippromovu lir-Rabat, il-kapitali Medjevali tagħna, permezz ta' ċentru fejn jiġi esibit il-wirt storiku rikk u li jippermetti l-espressjoni kulturali, hekk li niġġeneraw żvilupp ekonomiku u soċjali f'dawn l-inħawi storiċi, s'issa ma tantx sfruttati". Kliem kbir, iżda m'hux bombastiku fil-vojt! Konna konvinti li għandna raġun u għalhekk ma bżajniex minn kjarifikazzjonijiet li ġejna mitluba, u minn laqgħa teknika twila li ssejjaħna għaliha fil-bidu ta' l-2009.

Peress li konna f'"kompetizzjoni" ma' organizzazzjonijiet volontarji biss (u mhux, bħal f'ta' qabel, ma' dipartimenti statali) ħadna l-impressjoni li sa nġibuha żewġ! U f'April irċevejt email li vżatna li ntgħażilna! Kien hemm xi kundizzjonijiet li ridna naċċettaw u nwettqu, u mill-ewwel ikkonfermajna. Bil-ferħ ġie infurmat l-Isqof; wara sirna nafu, b'konferma ta' l-opinjoni mifruxa li jeħtieġ nisħqu fuq dawn l-aspetti, li hemm żewġ proġetti oħra Għawdxin f'din il-linja li qed jiġu ffinanzjati. Fil-fatt dan il-programm joffri l-possibbiltà li 85% ta' l-infiq eliġibbli (jiġifieri skond il-ftehim) jitħallsu minn fondi mill-Unjoni Ewropea u minn dawk nazzjonali. Semmejt il-ftehim: dokument voluminuż iffirmat ma' l-awtorità responsabbli, id-Diviżjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Ippjanar u l-Kordinament tal-Prijoritajiet (PPCD). Din l-abbrevjazzjoni tgħallimtha sew: f'din is-sena kompla kelli numru inkredibbli ta' komunikazzjonijiet magħhom; dħalna sa l-inqas dettall u figura biex b'hekk ma jinqalgħux problemi wara.

Minħabba l-volum sostanzjali ta' dokumentazzjoni meħtieġa, armajna uffiċċju, taħt l-istudjows tar-radju. Fil-fatt, kemm *Leħen il-Belt Victoria* u kemm il-bażilika li qed tospitana l-lejla huma mniżżla bħala sħab f'din l-avventura.

Iva, avventura, għax, għalkemm inizjattivi u proġetti kellna bil-bosta hawn fostna, qatt xejn ta' dan id-daqs ('il fuq minn miljun ewro) u b'dawn il-proċeduri stretti. Ma smajtux ħażin: miljun skorruti, maqsuma fuq *project management*, konsulenza teknika, studji, apparat (inklużi miżuri favur l-ambjent), xogħlijiet (inkluż restawr), u pubbliċità (inkluża websajt interattiva). Mela l-għajnuna u l-parteċipazzjoni

*jissokta fil-qoxra ta' wara*

Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

# TISLIBA



## Mimdudin

1 Fi ftit kliem. (8)
3 Gżira fil-Mediterran. (5)
6 Hekk jistgħu jissejħu l-ġenituri u l-għalliema. (9)
9 Jissejjaħ hekk wieħed għani. (6)
10 Qasam importanti f'diversi pajjiżi. (8)
12 Post fl-Italja. (5)
14 Janima fil-Quddiesa. (8)
16 Materjal. (5)
18 Fl-1976 hekk ġie maħtur Mons. Sacco. (6)
21 Fuqu jsiru d-drammi. (4)
22 Tingħad waqt ir-Rużarju. (8)
24 Sitwazzjoni li jaqgħu fiha diversi anzjani. (8)
25 Post ta' tagħlim għat-tfal u l-adolexxenti. (8)
27 Raħal Għawdxi. (6)
28 Bil-Lhudi jgħidulu *Mizbeah*. (5)
29 M'hux orizzontali. (9)

## Weqfin

1 Kunjom. (6)
2 Ta' valur għoli. (4)
4 Aġġettiv. (4)
5 Fil-fabbriki ssib ħafna. (10)
7 Kelma oħra għal passatempi. (8)
8 Ħaġa li ma titwemminx. (11)
11 Annimal. (3)
13 Zit San Bernardinu hekk spiċċat fl-aħħar ta' ħajjitha. (5)
15 Importanti li tiġi inkluża qabel jitwettaq xi proġett. (10)
17 Ammont. (6)
18 Spiss ikun hekk l-Għasar. (6)
19 F'Malta qiegħda ssir f'diversi oqsma pubbliċi. (7)
20 Il-kapitali Ingliża. (6)
23 Grad fl-armata. (7)
26 Post fi Franza. (3)

**Premju:**
*Aġjografija Ġorġjana*, ktieb interessanti fuq il-ħajja ta' San Ġorġ, miktub mill-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.



**Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: *Tisliba - Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex, jew inkella permezz ta' email lil *neville@sangorg.org*, sa mhux aktar tard mit-Tnejn 19 ta' Lulju 2010.**
Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess. Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba.

## Riżultati tat-Tisliba ta' Marzu-April 2010: Ħadd ma rebaħ din it-tisliba.

**MIMDUDIN:** 2) konkrit; 3) impollozzi; 8) Lazzru; 10) punent; 12) Apokalissi; 18) djaknu; 20) Indja; 21) maratona; 22) qarrejja; 24) sit; 25) Nadur; 26) ikrah; 27) adorazzjoni.
**WEQFIN:** 1) storja; 2) Kosovo; 4) palju; 5) intoppi; 6) Betanja; 7) Camilleri; 9) residenza; 11) tribuna; 13) dilettanti; 14) fundamentali; 15) edukaturi; 16) universali; 17) fidda; 19) katavru; 21) mard; 23) tarka.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

April – Mejju 2010



*Andrew Formosa*

**1 ta' April**
**06.30pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa t-Tifkira solenni ta' l-Ikla tal-Mulej, bir-rit tal-ħasil tar-riġlejn, li ntemmet bit-translazzjoni solenni tas-Santissmu lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni li ntrama fil-kappella ta' San Ġorġ.
**08.30pm:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss mexxiet pellegrinaġġ solenni taż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fir-Rabat.
**2 ta' April**
**08.00am:** Il-kapitlu Ġorġjan iċċelebra t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u t-Talb ta' Nofs il-Jum quddiem l-Altar tar-Ripożizzjoni.
**10.00am:** Il-Grupp *23four>>* mexxa *Via Crucis* fuq l-Għolja Ta' Għammar, fl-Għarb.
**03.00pm:** Fl-assenza ta' l-Arċipriet, l-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa ċ-ċelebrazzjoni solenni tat-Tifkira tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li inkludiet l-Adorazzjoni tas-Salib.
**05.30pm:** Bdiet ħierġa mill-bażilika l-purċissjoni penitenzjali u devota tal-Passjoni tal-Mulej, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, il-Banda Ċittadina *La Stella* u l-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta, u l-Kor *Laudate Pueri*.
**3 ta' April**
**08.00am:** Il-kapitlu Ġorġjan iċċelebra t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u t-Talb ta' Nofs il-Jum, fil-kor tal-bażilika.
**08.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa ċ-ċelebrazzjoni solenni tal-Lejl Qaddis ta' l-Għid, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, li fiha saret ukoll magħmudija.
**4 ta' April**
**08.45am:** Ħarġet mill-bażilika dimostrazzjoni reliġjuża bl-istatwa ta Kristu Rxoxt, bis-sehem tal-fratellanzi tal-parroċċa u l-Banda Ċittadina *La Stella*, li għaddiet mit-toroq qrib il-bażilika.
**11.00am:** L-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-konċelebrazzjoni pontifikali ta' l-Għid. Wara l-Isqof bierek u qassam lit-tfal kollha preżenti l-figolli ta' l-Għid, fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia*.
**03.00pm:** Beda t-Tberik tal-Familji mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona
**7 ta' April**
**07.00am:** Il-*Ladies Society* organizzat pellegrinaġġ lejn Malta għall-festa ta' San Girgor.
**11 ta' April**
**09.45am:** Wara l-konċelebrazzjoni konventwali tad-9.00am, l-Arċipriet inawgura fil-kappellun ta' San Pawl wirja ta' inċiżjonijiet b'tema Pawlina, armata apposta fl-okkażjoni taż-żjara tal-Papa f'Malta. Il-wirja baqgħet miftuħa sa tmiem il-ġimgħa.
**12.30pm:** Bdiet espożizzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament fil-festa tal-Ħniena Divina.
**12 ta' April**
**07.15pm:** Ġiet inawgurata ġimgħa parrokkjali ta' formazzjoni bit-tema *Benedittu XVI: Teoloġija – Liturġija – Arti* bi tħejjija għaż-żjara tal-Papa Benedittu XVI. L-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa l-ewwel konferenza minn tlieta, fuq it-tagħlim ta' Benedittu XVI fuq il-Knisja, fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia*.
**13 ta' April**
**07.15pm:** Il-Kan. George J. Frendo mexxa konferenza fuq it-tagħlim ta' Benedittu XVI fuq il-kuxjenza, fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia*.



**14 ta' April**
**11.00am:** Saret fil-bażilika ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr fil-ħames anniversarju tal-komunità Anglikana Għawdxija, li hi ddedikata lill-Verġni Mbierka u San Ġorġ. Tmexxiet mill-Isqof David Hamid bil-parteċipazzjoni tal-Kan. Simon Godfrey, Kanċillier tal-pro-katidral Anglikan ta' San Pawl fil-belt Valletta, tal-Kappillan Dun Jeff Williams, u ta' l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona u l-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.
**07.15pm:** Dun Joseph Mercieca mexxa t-tielet u l-aħħar konferenza, fuq it-tagħlim tal-Papa Benedittu XVI fuq il-liturġija, fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia*.
**15 ta' April**
**07.30pm:** Ittellgħet fil-bażilika preżentazzjoni awdjo-viżiva fuq il-pontifikat ta' Benedittu XVI, bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri*.
**18 ta' April**
**Fil-għodu:** Il-Quddies ta' l-10.00am u l-11.00am fil-bażilika ma sarx minħabba l-Quddiesa tal-Papa fuq il-Fosos, li fiha ħadu sehem bosta membri tal-kleru Ġorġjan.
**19 ta' April**
**Fil-għodu:** Bdiet l-iskeda ridotta tar-Rebbiegħa fuq Radju *Leħen il-Belt Victoria*.
**06.00pm:** Mons. Giovanni Bosco Gauci, vigarju ġenerali, mexxa konċelebrazzjoni solenni ta' l-ewwel jum tat-Tridu bi tħejjija għas-solennità liturġika ta' San Ġorġ, bl-omelija fuq il-qaddis. Wara saret ċelebrazzjoni bl-innu, il-kurunella u l-litanija ta' San Ġorġ, li ntemmet bil-barka Ewkaristika.
**20 ta' April**
**06.00pm:** Mons. Giovanni Bosco Gauci, vigarju ġenerali, mexxa konċelebrazzjoni solenni tat-tieni jum tat-Tridu bi tħejjija għas-solennità liturġika ta' San Ġorġ, bl-omelija fuq il-qaddis. Wara saret ċelebrazzjoni bl-innu, il-kurunella u l-litanija ta' San Ġorġ, li ntemmet bil-barka Ewkaristika.
**07.30pm:** Saret iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewwel Qrara ta' dawk it-tfal li kienu sa jirċievu l-Ewwel Tqarbina.
**21 ta' April**
**06.00pm:** Mons. Giovanni Bosco Gauci, vigarju ġenerali, mexxa konċelebrazzjoni solenni tat-tielet u l-aħħar jum tat-Tridu bi tħejjija għas-solennità liturġika ta' San Ġorġ, bl-omelija fuq il-qaddis. Wara saret ċelebrazzjoni bl-innu, il-kurunella u l-litanija ta' San Ġorġ, li ntemmet bil-barka Ewkaristika.

**22 ta' April**

**06.30pm:** L-Isqof djoċesan mexxa ċ-ċelebrazzjoni pontifikali ta' l-ewwel Għasar tas-solennità liturġika ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-kapitlu Ġorġjan.

**08.00pm:** L-Isqof mexxa velja solenni ta' qari, talb, kant u drama fi Pjazza San Ġorġ, bit-tema *Nishru ma' San Ġorġ fil-lejl tal-Martirju tiegħu.* Fil-velja ttellgħu tliet mumenti ta' rappreżentazzjoni drammatika fuq il-ħajja tal-qaddis, imtellgħa mit-tfal tal-parroċċa taħt id-direzzjoni ta' Antonella Zammit. Il-Kan. George J. Frendo, Mons. Ġużeppi Farrugia u l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona għamlu tliet riflessjonijiet fuq il-virtujiet teologali u kif spikkaw f'San Ġorġ. Għall-okkażjoni nħarġet l-istatwa titulari ta' San Ġorġ fil-faċċata tal-bażilika, u ħa sehem il-Kor *Laudate Pueri.*



**23 ta' April**

**08.30am:** L-Isqof djoċesan u dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana, l-E.T. Mons. Mario Grech, mexxa ċ-ċelebrazzjoni pontifikali tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum fis-solennità liturġika ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-kapitlu Ġorġjan.

**09.00am:** L-Isqof Grech iċċelebra Quddiesa f'Jum San Ġorġ.

**06.30pm:** L-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa ċelebrazzjoni solenni tat-tieni Għasar tas-solennità, bis-sehem tal-kapitlu Ġorġjan.

**07.00pm:** Mons. Giovanni Bosco Gauci, vigarju ġenerali, mexxa l-pontifikal tas-solennità, li fih niseġ ukoll paneġierku mill-isbaħ fuq San Ġorġ. Tul il-pontifikal solenni ndaqqet il-*Missa Sanctæ Ioannis Baptistæ*, kif ukoll l-antifona *Beatus Georgius* fi tmiem il-pontifikal, bis-sehem ta' l-orkestra u l-Kor *Laudate Pueri.*

**08.30pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* għamlet marċ brijuż minn Pjazza San Ġorġ sal-Każin *La Stella* bl-istatwa ta' San Ġorġ Patrun t'Għawdex.

**25 ta' April**

**11.00am:** L-Isqof djoċesan mexxa konċelebrazzjoni pontifikali li fiha amministra l-Griżma ta' l-Isqof lil 36 adoloxxent tal-parroċċa.

**28 ta' April**

**08.00pm:** Tħabbret il-mewt tal-Kan. Ġużeppi Borg Bugeja, fl-età ta' 88 sena, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

**30 ta' April**

**03.30pm:** Il-ġisem mejjet tal-Kan. Ġużeppi Borg ittieħed mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex lejn il-kappella tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq Palma.

**04.00pm:** Il-kapitlu u l-kleru Ġorġjan, immexxija mill-Arċipriet, kantaw it-talba ta' l-Għasar tal-Mejtin f'dik il-kappella.

**04.30pm:** Telaq korteo funebri bil-fdalijiet tal-Kan. Borg, mill-kappella tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għall-bażilika, li għadda minn Triq ir-Repubblika.

**05.00pm:** L-Isqof djoċesan mexxa konċelebrazzjoni funebri bis-sehem ta' bosta saċerdoti mill-parroċċa u membri oħra tal-kleru djoċesan, li fiha ħa sehem il-*Chorus Urbanus.*

**06.15pm:** Il-fdalijiet tal-Kan. Ġużeppi Borg ittieħdu għad-difna fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju ta' Marija Addorolata, akkumpanjat mill-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.

**2 ta' Mejju**

**11.00am:** L-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali li fiha ta l-Ewwel Tqarbina lil 28 tifel u tifla mill-parroċċa.

**5 ta' Mejju**

**06.00pm:** Bdew fil-bażilika l-ħmistax-il Erbgħa ta' l-Assunta, b'Quddiesa u omelija fuq il-Verġni Mbierka mill-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.

**7 ta' Mejju**

**09.00am:** Fetaħ l-ewwel jum tal-Kwaranturi mqaddsa b'Quddiesa mmexxija mill-Arċipriet, li tat bidu għal jum ta' espożizzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament. Fil-ħinijiet ta' wara nofs in-nhar kompliet l-adorazzjoni fis-skiet sal-Quddiesa tal-5.00pm.

**06.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar madwar Ġesù Ewkaristija, mill-kapitlu tal-kolleġġjata u l-komunità parrokkjali, immexxija mill-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.

**07.00pm:** Mons. Farrugia mexxa konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika.

**8 ta' Mejju**

**07.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni tat-tieni jum tal-Kwaranturi mqaddsa, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika.

**08.00pm:** Dun Geoffrey G. Attard mexxa Quddiesa fil-bidu ta' adorazzjoni Ewkaristika mill-*Moviment Ewkaristiku Djoċesan.*

**12.00am:** Patri Joe Xerri OFMCONV mexxa Quddiesa, li warajha kompla l-lejl ta' espożizzjoni sa l-ewwel Quddiesa ta' l-għada.

**9 ta' Mejju**

**12.30pm:** Wara l-aħħar Quddiesa tal-Ħadd fil-għodu, bdiet espożizzjoni solenni tas-Sagrament Imqaddes.

**03.30pm:** Is-seminaristi tal-parroċċa Simon M. Cachia u Samuel Grech mexxew siegħa ta' adorazzjoni b'talb speċjali għall-vokazzjonijiet, li ntemmet bit-talba ta' l-Għasar.

**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali tal-Kwaranturi mqaddsa, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika, kif ukoll ta' reliġjużi mill-komunitajiet tar-Rabat.

**06.00pm:** Ħarġet mill-bażilika l-purċissjoni pontifikali bis-Sagrament Imqaddes, li daret madwar it-toroq ewlenin tal-belt Victoria. Mexxa l-Isqof djoċesan, u barra l-kapitlu u l-kleru tal-bażilika, ħadu sehem ukoll il-kleru sekulari u reliġjuż tal-belt Victoria, is-seminaristi tad-djoċesi, il-fratellanzi tal-parroċċa, is-sezzjoni femminili tal-Kor *Laudate Pueri*, kif ukoll it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof. Xi tfal żgħar lebsin iż-żummarra tefgħu fjuri tul it-triq kollha.

**13 ta' Mejju**

**06.00pm:** Bdew id-disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ, b'konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Din tat bidu għal sensiela ta' Quddies immexxi minn saċerdoti differenti tal-parroċċa. Kienu mistiedna b'mod speċjali t-tfal tal-parroċċa, li fi tmiem kull Quddiesa kienu jitqassmulhom ġelat kif ukoll kartolina bi xbieha ta' San Ġorġ.

**15 ta' Mejju**

**09.00pm:** Bħala parti mill-attivitajiet tan-*Notte Gozitana*, il-Kor *Laudate Pueri* ta kunċert ta' mużika sagra fil-bażilika.

**21 ta' Mejju**

**Wara nofs in-nhar:** Għadd ta' presipisti mill-*Associazione Italiana Amici del Presepio*, mistiedna f'Malta mill-*Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta* fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin anniversarju mit-twaqqif tagħha, ġew imdawra mal-bażilika.

**23 ta' Mejju**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni konventwali ta' Għid il-Ħamsin, li biha ngħalqu l-festi kbar ta' l-Għid.

**25 ta' Mejju**

**Fil-għaxija:** Intemm it-Tberik tal-Familji.





jaqbad minn paġna 12

żgur ma jistgħux ikunu inqas mis-soltu! Anzi, nemmnu li dħalna f'inizjattiva ta' interess ġenerali, mhux biss għar-Rabtin u l-Għawdxin l-oħra; propjament għal dawk kollha li jinteressawhom l-iżvilupp soċjo-ekonomiku, il-kultura u l-identità tagħna!

Wara li f'Mejju 2009 iffirmajt kuntratt ma' l-Arċipriet fejn il-Fondazzjoni ġiet inkarigata mit-twettiq u t-tmexxija tal-mużew, waqqafna kumitat (*working group*) li – flimkien ma' oħrajn iżgħar – jiltaqa' kontinwament biex jittieħdu d-deċiżjonijiet u jitqassmu l-inkarigi. Nixtieq ninnota li qegħdin grupp sabiħ, prinċipalment lajċi, u mhux biss minn din il-parroċċa, b'esperjenzi u kwalitajiet varjati, minn studenti sa pensjonanti, il-maġġoranza involuti sew fl-oqsma soċjali u kummerċjali. Li jgħaqqadna hu l-entużjażmu biex naslu, il-ħeġġa li nirsistu *"senz'interessi"*, bl-ikbar interess! U nkun inġust jekk ma nsemmix li għandna fostna min saħansitra servizzi professjonali joffri bla ħlas!

Ilkoll naqblu fil-mira li noħolqu ċentru kulturali b'viżjoni, mhux sempliċement mużew "tradizzjonali" fejn jinżammu magħluqa oġġetti ta' valur artistiku u storiku. Il-proġett sejjaħnielu *The Making of a People* għax ridna nenfasizzaw l-għeruq li welldu l-identità ta' gżiritna; iżda, waqt li nħarsu lejn il-passat, ma nistgħux ninsew li issa qegħdin fit-tielet millenju u tkun ħasra ninjoraw it-teknoloġiji l-ġodda. Fil-fatt bħalissa qegħdin nistudjaw sottomissjonijiet min-numru impressjonanti ta' ditti lokali u barranin li laqgħu l-istedina li xandarna biex jipproponu l-modi prattiċi kif naslu għall-multimedjalità interattiva: sistemi li jservu ta' kalamita qawwija li tiġbed kemm lil min jaf għeruqna sew u kemm lil min ma jafhom xejn... tiġbidhom iżuruh, u mhux għal ħarba ħafifa ta' darba! Hekk jew hekk, l-esibiti nibdluhom minn żmien għal żmien, anki permezz ta' wirjiet temporanji u attivitajiet speċifiċi.

Nirrepeti li l-"modernità" trid isservi biex tgħolli l-"qadim". Anki l-isem li għażilnielu 'l dan il-mużew jorbot sew ma' l-oriġni. *Il-Ħaġar* m'hix kelma li qegħdin nivvintawha aħna, għalkemm jista' jkun li ntilef is-sinifikat propju. X'aktarx li l-maġġoranza bdew jaħsbu li tfisser sempliċement "ġebel"; hekk ukoll, iżda iktar minn hekk. Kif ikkonfermat minn xhieda toponomastika f'pajjiżna u lil hinn, inkunu korretti jekk infissruha bħala "komunità ta' djar abitati": appuntu r-Rabat il-qadim! Ma naħsibx li għandi bżonn infakkarkom li l-irħula f'Għawdex żviluppaw wara dawk f'Malta; fil-fatt il-prefiss "Ħal" ma jidhirx fostna!

Mela l-esibiti se jkunu vvalorizzati iktar f'ambjent modern, għax bl-għajnuna ta' mezzi avvanzati. Hekk hi l-identità tagħna: nibnu fuq il-passat billi nużaw l-aqwa riżorsi disponibbli, umani u fiżiċi. U r-riżorsa l-kbira: l-ispirtu komunitarju! Allura l-mertu ta' dak li twettaq – u li jeħtieġlu jitwettaq – m'hux tal-membri tal-Fondazzjoni biss: hu ta' tant li kkollaboraw u ssapportjaw, fil-passat, fil-preżent u fil-futur!

Ftit għadu sar xogħol fuq is-sit, u l-makkinarju darbtejn biss deher; iżda ħidma saret ħafna, tant li għandna kuntratturi, magħżula wara sensiela ta' riklami jew *tenders*, lesti biex kemm naghtu l-ordni! Forsi kellna difett: ma tantx daqqejna trombi s'issa! Veru li għandi paġna fil-perjodiku *Il-Belt Victoria*; veru li għandi sensiela kull ġimgħa fuq *Leħen il-Belt Victoria* (skorrejt il-ħamsin programm b'isem addattat u "programmatiku": *Mużew tagħna, Mużew għal kulħadd*); veru li ħriġna fuljett u qassamna xi karti oħra; veru li għandna xi ħaġa fuq l-internet; veru li għamilna kartellun fi Pjazza San Ġorġ. Iżda forsi, bir-raġun, għad hawn bosta li huma inċerti fiex jikkonsisti l-proġett, il-"famuż mużew"!

Issa li wasalna għal din is-serata ta' preżentazzjoni uffiċjali, nistgħu ningranaw u naqbdu r-ritmu meħtieġ biex inlestu – kif obbligati – sa tmiem l-2012.

# *Stedina għall-Festa ta' San Ġorġ*

**Lulju** 2010

03-11 | **Novena**

13 | **Ħruġ min-Niċċa**

14-16 | **Tridu Mqaddes**

17 | **Vġili Solenni**

18 | **Jum il-Festa**

